MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2014

Numru. 963/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**HAMDI HABIB MOHAMMED SHEDI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **HAMDI HABIB MOHAMMED SHEDI** ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Habib u Fatima nee` Garsi, imwieled Tunez nhar il-11 ta` April 1986, residenti Hal Far Open Centre u detentur tal-karta tal- identita' 61180(A) tressaq quddiem akkuzat talli fit-3 ta` Ottubru 2014 ghal habta tat-tlieta ta` filghodu (03:00a.m) gewwa San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' handbag li jiswa hamsin ewro (€50) u li kien fih mobile phone tal-ghamla Samsung Mini, li jiswa tmenin ewro (€80) u tletin ewro (€30) fi flus kontanti, u oggetti personali ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-'hin' ghad-detriment ta' Elvira Mascolo u/jew persuni ohra.

2. Aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi f`lok pubbliku jew miftuh ghall- pubbliku, kien fi stat ta` sakra.

3. Aktar talli fl-24 ta` Settembru 2014 sar jaf jew kellu fil-pussess tieghu haga misruqa jew haga mehuda b`qerq jew akkwistata b`reat, u naqas li jinforma lil Pulizija b`dan il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk kien sar jaf.

4. Aktar talli fit-3 ta` Ottubru 2014 u fil-jiem/gimghat ta` qabel xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, li kienu misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom

U finalment talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom kunsens tal-Avukat Generali, fedina penali, okkorrenza, stqarrija, dikjarazzjoni dwar assistenza legali u personal details tal-imputat.

Semghet l-imputat jiddikjara li m'ghandux mezzi biex jinkariga avukat tal-fiducja tieghu sabiex jassistih f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Simon Micallef Stafrace bhala avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru 2014 u dana fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-4 ta' Ottubru 2014.

Il-Qorti rat illi l-imputat fil-fatt ghandu fedina penali reflettarja hafna u ghalhekk ma thossx illi jkun interess tal-gustizzja li din il-Qorti ma timponix piena karcerarja. Fic-cirkostanzi tal-kaz, u partikolarment ghaliex il-Qorti qed issibu hati wkoll talli huwa recediv, il-piena idonea hija dik ta' prigunerija effettiva.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 49, 50, 261(f), 270, 289, 334, 334A u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat HAMDI HABIB MOHAMMED SHEDI hati tal-akkuzi u tikkundannah sentejn prigunerija effettivi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------